# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tal-21 ta' Mejju 2024**

**Talba nru. 294/2020**

**JOSEPH BORG GRECH**
**(KI 415368M)**

*VERSUS*

**JOSEPH SAYDON**
**(KI 259359M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fl-20 ta' Novembru 2020 (Fol 1 et seq), l-attur talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas ghal xogholijiet fuq il-vettura tieghu tat-tip Land Rover li jammonta ghal valur ta' elf mija hamsa u sittin Ewro u tnejn u tletin centezmu (Eur 1,165.32). Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali 882/19 u bl-imghaxijiet legali.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta' Dicembru 2020 fejn fiha ecceppixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba x-xoghol hazin u mhux skond is-sengha u l-arti ta' l-attur.

Ra l-affidavits ipprezentati.

Sema x-xhieda.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Sema t-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

<u>Fatti</u>

Illi qabel ma' dan it-Tribunal jghaddi sabiex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi ssir sintezi tal-provi migjuba mill-partijiet.

L-attur Josef Borg Grech xehed permezz ta' affidavit fejn ighid illi flimkien ma' huh Stefan ghandom garaxx li jintuza bhala workshop fejn isewwu vetturi tad-ditta Land Rover. Ighid illi kien beda jsir xoghol ta' tiswija fuq vettura tal-konvenut.

Borg Grech ighid illi wara li sema xi problemi kellha l-vettura tal-konvenut, huwa kien ghamel it-tiswijiet necessarji u l-konvenut kien kuntent hafna bis-servizz. Wara ftit zmien, il-konvenut kien talab lill-attur sabiex jerga jiehu l-vettura ghal xi xoghol iehor u l-attur kien wissa lill-konvenut illi kellu hafna xoghol b'lura. L-attur ighid illi, "*darba fost l-ohrajn wara li kien talabni naralu l-Land Rover tieghu diversi drabi u jien avzajtu li kien ghad irid jistenna ftit iehor ghax kont ghadni imhabbat hafna, kien qabad u gabli l-Land Rover tieghu u hallijili l-garaxx*." (Fol.21).

Matul it-tiswijiet, il-konvenut kien talab lill-attur sabiex jaqla l-gearbox u transferbox bit-tama li jsolvi l-problemi ta' hsejjes li kien qed jisma fil-vettura tieghu. Wara li sar dan ix-xoghol, l-attur ighid illi, "*meta lestejt mill-overhaul u ergajt armajtom fil-Land Rover tal-konvenut, hrigt test drive biha u kont kuntent hafna bir-rizultat. Kien hemm biss vibrazzjoni zghira mill-propshaft, dovut ghal modifiki li kellha din il-Land Rover li kien ghamlilha sidha stess . . .*"

L-attur kien sahansitra ta pariri x seta jaghmel il-konvenut biex jevita dawn il-hsejjes. Wara diversi gimghat, l-attur kien cempel lill-konvenut sabiex jithallas izda l-konvenut kien wiegbu illi ma kienx ser ihallsu ghax ma kienx kuntent bix-xoghol li sar u li kellu jiehu l-vettura ghand mechanic iehor u cioe Carmel Gafa. L-attur kien cempel lil mechanic Carmel Gafa ghaliex kien jafu u dan ta' l-ahhar kien sorpriz ghaliex ix-xogholijiet li kien ghamel hu kien jikkonsisti fi bdil ta' clutch u propshafts.

Hu l-attur u cioe Stefan Borg Grech ikkonferma dak kollu li qal l-attur fl-affidavit tieghu.

Matul is-seduta tat-22 ta' Frar 2022, l-attur ipprezenta l-fattura tax-xogholijiet li ghamel u ikkonferma illi l-ammont ta' Eur 1,165.32 kien ghadu dovut. (Fol.26).

Fl-udjenza ta' l-14 ta' Frar 2023, xehed il-konvenut Joseph Saydon, fejn jikkonferma li lill-konvenut jafu bhala bniedem li jsewwi l-Land Rovers. Ighid illi kien tkellem ma' l-attur fuq il-problema li kellu fil-gearbox u li kien eventwalment halla l-vettura ghand l-attur. Il-konvenut ighid illi ghadda stagun sakemm l-attur beda jahdem fuq il-vettura.

L-attur ighid illi huwa kien ta l-kunsens lill-attur biex galadarba kien qala l-gearbox, jaghmel dawk it-tiswijiet necessarji li kien hemm bzonn. Ftit jiem wara, l-konvneut jghid illi kien nizel biex jigbor il-vettura u jhallas lill-attur.

Izda l-attur ighid illi meta mar biex johrog il-vettura minghand l-attur, sab illi l-vettura kienet qed tiskossja ghaliex l-attur ma kienx bidel il-clutch. Fil-fatt l-attur kien indirizza lill-konvenut u qallu, "*. . .ghidtlu mela ma ghamilt xejn hawn? Ghedtlu l-klacc ma bdiltuliex, il-pressure plate ma bdilthiex, ghidtlu l-hoss kienet taghmlu u ghadha taghmlu. Ghidtlu x se naghmlu?*" L-attur ikompli jghid illi l-attur kien wiegbu, "*. . .Qalli issa fil-kaz hudha l-karozza qalli mbaghad nerga naghmililek. Ghidtlu terga taghmilili x jigifieri? Qalli nerga naghmililek. . . .*" (Fol.95)

Il-konvenut kompla jghid illi ghadda z-zmien u dejjem kien jistenna li l-attur icempillu kif weghdu sabiex jerga jirrnagalu l-vettura. Minhabba dan id-dewmien, ta' madwar xahar u nofs ohra, l-konvenut kien iddecieda li jiehu l-vettura ghand mechanic iehor u fil-fatt kien ha l-vettura ghand Charles Gafa. Fil-fatt il-vettura kien hadha iben il-konvenut permezz ta' tow truck f'Marsaxlokk ghand Charles Gafa. Eventwalment, Charles Gafa kien biddel il-gearbox filwaqt illil-gearbox illi kien irranga l-attur ghadha ghand il-konvenut fil-garaxx.

Il-konvenut ighid illi huwa qatt ma inghata kont minghand l-attur u kien biss fil-korrispondenza mill-avukat li ra l-ammont dovut lill-attur. Fi tmiem ix-xhieda tieghu, l-konvenut pprezenta l-kont li hallas ghand Charles Gafa ghat-tiswijiet li saru fuq il-vettura.(Fol. 98).

Fl-udjenza tal-21 ta' Marzu 2023, gew ipprezentati l-affidavit ta' Jacqueline Fenech u affidavit tal-konvenut Joseph Saydon.

Jacqueline Fenech tghid illi s-sieheb taghha u cioe l-konvenut, kien igerger hafna illi l-attur kien ghadu ma bediex jahdem fuq il-vettura tieghu. Ix-xhud tghid illi kienu ghaddew madwar tlett xhur meta l-konvenut kien irvieva telefonata illi seta jigbor il-vettura. Dakinhar stess li l-konvenut gabar il-vettura minghand l-attur, ix-xhud tghid illi l-konvenut beda jgerger illi l-vettura baqghet taghmel l-istess hoss. Tiddikjara wkoll illi l-konvenut kien ha l-vettura ghand mechanic iehor, Charles Gafa, sabiex isewwi l-vettura u wara dawn ix-xogholijiet, il-konvenut kien kuntent bil-kundizzjoni tal-vettura.

Fix-xhieda addizzjonali tieghu, permezz ta' affidavit, filwaqt li jikkonferma x-xhieda tieghu moghtija precedentament, il-konvenut ighid illi huwa qatt ma ha l-vettura tieghu fis-snin 2018 jew 2019 kif jallega l-attur, izda f'Mejju 2017.

L-attur fil-kontro ezami mizmum fil-21 ta' Marzu 2023, ighid, illi qabel dan l-intervent mertu tal-kawza, kien ga ghamel tiswijiet fuq il-vettura tal-konvenut. Fir-rigward tax-xogholijiet li l-attur qed jitlob il-hlas, huwa jghid illi probabli saru ghal habta ta' Frar 2018.

Mistoqsi jekk izommx data jew xi informazzjoni ohra meta tidhol vettura fil-garaxx tieghu, l-attur wiegeb fin-negattiv. L-attur baqa jinsisti illi l-konvenut ma kienx mistenni illi jhalli l-vettura f'dak iz-zmien izda dan kien qabad u halla l-vettura ghand l-attur.

L-attur ighid (Fol.109) illi wara li sar test drive, il-hoss illi kien qed jilmenta fuqu baqa hemm, izda ighid, "*jien ghalija kienet tajba, imma baqa' jisma l-hoss u allura ghedna ha naghmlu further investigation*."

Charles Gafa, il-mechanic li ghamel it-tiswijiet wara l-attur, xehed permezz ta' affidavit fejn jghid illi ghamel tiswijiet fuq il-vettura tal-konvenut f'zewg istanzi. L-ewwel darba, l-vettura kellha hoss u vibrazzjoni. Bhala parti mit-tiswijiet, x-xhud ighid illi kien bidel iz-zejt tal-geabox u propellor shaft. Sussegwentament, minhabba li l-hoss kien ghadu jinstema, wara xi ghaxart ijiem, inbidlet il-gearbox flimkien mal-clutch. Wara dan l-intervent, il-hoss ma baqax jinstema. (Fol.113).

<u>Ikkunsidra</u>

Illi l-kawza odjerna tista' tigi migbura fuq il-pretiza attrici, fondata, b'mod generali, fuq il-principju ta' "*omnis labor optat præmium*" li tfisser illi x-xoghol prestat ghandu jigi rikompensat ("ogni fatica merita ricompensa", u dan stante illi l-attur qed jitlob ghal hlas ta' servizz moghti minnu bhala mechanic, fuq il-vettura Land Rover tal-konvenut. Min-naha tieghu, l-konvenut ma hallasx l-ammont mitlub mill-attur ghaliex jghid illi x-xogholijiet li saru fuq il-vettura ma kienux tajbin, tant illi kellu jirrkorri ghand mechanic iehor illi solvilu l-problemi.

Illi il-fatti tal-kaz huma pjuttost semplici ghalkemm, kif normalment jigri, l-verzjonijiet tal-partijiet huma diametikrament opposti. L-attur ighid illi huwa kien maghfus bix-xoghol izda xorta ra kif ipprova jsewwi l-vettura tal-konvenut. Saru xogholijiet fuq il-vettura illi minn kliem l-attur stess,

hadu ftit jiem biex tlestew. Finalment, meta l-konvenut gie biex jiehu l-vettura lura fil-pussess tieghu, l-attur jikkonferma illi kien ghad baqa xi hsejjes li l-konvenut kien qed jilmenta fuqom. Fil-fatt, l-attur jikkonferma illi kien qal lill-konvenut biex icempillu biex jara meta jista jerga jiehu l-vetura ghat-tiswijiet.

L-attur jaccenna ghall-fatt illi din il-vettura bhal giet imposta fuqu u cioe illi ma kien hemm l-ebda ippjanar ossia appuntament sabiex il-konvenut jiehu din il-vettura ghat-tiswija. Izda l-konvenut ‘halla’ l-vettura ghand l-attur sabiex dan isib il-hin biex jaghmel it-tiswijiet necessarji.

Ghalkemm, dan huwa fatt illi seta verament sehh, u cioe illi l-konvenut telaq il-vettura ghand l-attur, dan ta’ l-ahhar ma kellu l-ebda obbligu li bilfors ried jesegwixxi t-tiswijiet. Di piu, kemm-il darba l-attur accetta illi, f’xi hin jew iehor, anke jekk wara diversi xhur, kien ser ikun lest li jaghmel dawn it-tiswijiet fuq il-vettura tal-konvenut, huwa kien fir-responsabbilta li dawn ix-xogholijiet isiru skond l-arti u s-sengha. Dan qed jinghad, ghaliex dan it-Tribunal, bl-ebda mod ma jista jaccetta l-fatt illi t-tiswijiet ma setghux isiru sew a bazi ta’ l-ghagla jew l-impozizzjoni tal-konvenut.

Illi dan it-Tribunal irid jikkunsidra jekk l-ammont mitlub mill-attur hux dovut mill-konvenut. Illi kif ga inghad ikar ‘il fuq, l-attur accetta l-fatt illi l-vettura ma gietx imsewwija kif stenna l-konvenut stante illi kien l-attur stess illi stieden lill-konvenut sabiex icempillu biex jerga jhalli l-vettura ghal aktar tiswijiet. Ghaldaqstant, it-Tribunal isaqsi, x’kien l-iskop illi l-vettura giet irritornata lura lill-konvenut.

Dwar in-normattiva ta’ “*regola dell’arte*” jinghad illi din timplika “*le cognizioni generali di una certa disciplina tecnica che, in relazione al genere di lavoro assunto, si suppone che l’appaltatore conosca. Tali regole non sono in sè e per sè anche norme giuridiche, ma lo diventano quando la legge rimanda ad esse, obbligando, come nel contratto de quo, alla loro osservanza … esse non vanno, comunque, intese in modo assoluto (con esclusivo riferimento ai criteri generali della tecnica) e con portata invariabile, dovendo, invece, adeguarsi alle esigenze e agli scope cui l’opera è destinata second la sua funzione tipica ed a quegli altri rizultati menzionati o impliciti nel contratto come elementi rilevanti*” (GIUSEPPE MUSOLINO, op. cit., pp. 33–34).

Illi huwa fatt mhux kontestat, illi l-konvenut irrikorra ghand mechanic iehor u cioe Charles Gafa. Dan kien car fl-affidavit tieghu, illi kellu jintervjeni darbtejn sakemm tbidlet il-gearbox u b’hekk il-hoss li kien qed idejjaq lill-konvenut ma baqax hemm. Giet ipprezentata wkoll il-fattura li l-konvenut hallas lil Charles Gafa tat-tiswijiet li saru fuq il-vettura li turi kif inbidlet il-gearbox. Dan jikkontrasta hafna mal-verzjoni moghtija mill-attur meta qal illi kien cempel lil Charles Gafa, u li kien sorpriz meta saqsih fuq il-gearbox ghaliex skond l-attur, Charles Gafa qatt ma ghamel xejn fuq il-gearbox.

Illi johrog car u mhux kontestat illi f’zewg interventi, f’temp ta’ ghaxart ijiem, Charles Gafa solva l-problemi kollha li kellha l-vettura tal-konvenut. Kien hemm il-htiega illi tinbidel il-gearbox u jinbidel iz-zejt flimkien ma’ xi interventi ohra kif deskritti fl-affidavit ta’ Charles Gafa.

Illi minn naha l-ohra, l-attur, ressaq din it-talba bl-ammont dovut lilu ghal xogholijiet illi hu stess kienu ghadom mhux kompluti u li ma ssodisfawx il-problemi li xtaq li jsolvi l-konvenut. Matul ix-xhieda tieghu, l-attur ma ta l-ebda dettalji cari ta kemm dam jahdem fuq il-vettura u x’sar biex jigu solvuti l-problemi li beda jilmenta minnom il-konvenut.

Illi dan juri illi s-servizzi moghtija ma kienux espletati kif mistenni u irrizulta, anke mill-interventi li kellu jaghmel Charles Gafa, li kienu ta’ kwalità li ma wasslux sabiex jissolvew il-problemi fil-vettura.

Illi fid-dawl ta’ dan, it-Tribunal jemmen illi x-xogholijiet li saru mill-attur, mhux biss ma kienux kompleti, izda ma sarux kif kellhom isiru stante illi anke fuq ammissjoni ta’ l-attur stess, huwa kien talab lill-konvenut jerga jiehu l-vettura ghat-tiswijiet. Ghaldaqstant, it-Tribunal, ma jistax jakkolji t-talba ta’ l-attur u jaccetta illi l-konvenut ghandu jhallas ghal xi xogholijiet li saru fuq il-vettura tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija, dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talba attrici u jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut. Spejjez ta’ din il-kawza ghandom ikunu a karigu tal-Attur.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikant